

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1947

tal-25 ta' Ottubru 2016

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Tome des Bauges (DOP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Tome des Bauges", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 503/2007 ⁽²⁾.
- (2) Permezz tal-ittra tal-10 ta' April 2015, l-awtoritajiet Franċiżi kkomunikaw lill-Kummissjoni li nġhata perjodu tranżitorju skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019, lil żewġ operaturi stabbiliti fit-territorju tagħhom u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dak l-Artikolu. Matul il-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni, dawn l-operaturi li kkomercjalizzaw legalment it-"Tome des Bauges" b'mod kontinwu għal mill-anqas ħames snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, ippreżentaw oppożizzjoni rigward il-persentaġġ minimu ta' baqar tal-ħalib tar-razza Abondance u Tarentaise, u indikaw li kellhom bżonn iż-żmien biex jadattaw il-kompożizzjoni tal-bhejjem tagħhom. L-operaturi kkonċernati huma dawn li ġejjin: GAEC du Grand Colombier, Leyat, 73340 Aillon-le-Vieux, France; EARL Champtallon, le Mas Dessous, 73340 Aillon-le-Jeune, France ⁽³⁾.
- (3) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.
- (4) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea dwar id-denominazzjoni "Tome des Bauges" (DOP) hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Il-protezzjoni mogħtija skont Artikolu 1 hija soġġetta għall-perjodu tranżitorju mogħti minn Franza skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 lill-operaturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 503/2007 tat-8 ta' Mejju 2007 li jirreġistra ċerti ismijiet fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Pohořelický kapr (DPO) — Žatecký chmel (DPO) — Pomme du Limousin DPO) — Tome des Bauges (DPO)) (ĠUL 119, 9.5.2007, p. 5).

⁽³⁾ Id-Digriet Nru 2015-347 tas-26 ta' Marzu 2015, Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża tat-28 ta' Marzu 2015.

⁽⁴⁾ ĠU C 433, 23.12.2015, p. 4.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni*
